# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum, 06 ta' Jannar, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Zurabi Bikashvili**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Zurabi Bikashvili u detentur tal-licenzja tas-sewqan bin-numru 0690342.

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Jannar, 2017 u fil-perjodu ta' qabel, f'dawn il-gzejjer iffalsifika biddel jew ghamel xi tibdil f'dokument Taljan li hu kien jaf li gie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih f'isem Eduard Alexandru Nistro ID card Rumena bin-numru 628134.

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq immsemija.

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokument iehor jew kopja vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immmigrazzjoni.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dan il-proceduri kif ukoll il-fatt li ma'l-ghoti tas-sentenza l-imputat jista' jigi deportat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha' (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' sentejn (2).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk ma jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**